ISSN 1977-074X

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 73

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 55

13 ta' Marzu 2012

Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 211/2012 tat-12 ta' Marzu 2012 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda** ........................ 1

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 212/2012 tat-12 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ........................ 3

DEĊIŻJONIJIET

2012/146/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2012 li taħtar membru Litwan u żewġ membri supplenti Litwani fil-Kumitat tar-Reġjuni** ........................ 5

2012/147/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2012 li tapprova ċerti programmi emendati għall-qerda u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u żoonożi għas-sena 2012 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/807/UE fir-rigward tal-miżuri eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi għall-qerda tal-marda tal-ħakk u l-pagament bil-quddiem tal-Unjoni fi programmi għall-qerda tal-idrofobija għas-sena 2012** *(notifikata bid-dokument numru C(2012) 1406)* [1] ........................ 6

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

**Prezz: EUR 3**

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

RAKKOMANDAZZJONIJIET

2012/148/UE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-9 ta' Marzu 2012 dwar it-tħejjijiet għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti** ........ 9

---

**Rettifika**

★ **Rettifika għall-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali** (ĠU L 68, 7.3.2012) ......... 23

MT

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 211/2012

**tat-12 ta' Marzu 2012**

**dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti prodotti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9(1)(a) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda mehmuża mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, huwa neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifikazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hija bbażata, parzjalment jew kollha kemm hi, fuqha, jew li żżid kwalunkwe subdiviżjoni magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet tal-Unjoni speċifiċi, bil-għan li titwettaq l-applikazzjoni ta' tariffi u miżuri oħra relatati mal-kummerċ tal-oġġetti.

(3) Skont dawn ir-regoli ġenerali, il-prodotti msemmija fil-kolonna (1) tat-tabella mniżżla fl-Anness għandhom jiġu kklassifikati taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2), minħabba r-raġunijiet stabbiliti fil-kolonna (3) ta' din it-tabella.

(4) Huwa xieraq li jkun hemm dispożizzjoni li l-informazzjoni li torbot dwar it-tariffa li tkun inħarġet mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni tal-prodotti fin-Nomenklatura Magħquda, iżda li ma tkunx skont dan ir-Regolament tkun tista', għal perjodu ta' tliet xhur, tkompli tkun invokata mid-detentur, skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([2]).

(5) Il-Kumitat tal-Kodiċi Doganali ma ħariġx opinjoni fil-limitu taż-żmien iffissat mill-President tiegħu.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-prodotti deskritti fil-kolonna (1) tat-tabella kif imniżżla fl-Anness għandhom ikunu kklassifikati fin-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċi NM indikat fil-kolonna (2) ta' din it-tabella.

*Artikolu 2*

Informazzjoni tariffarja vinkolanti maħruġa mill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li ma tikkonformax ma' dan ir-Regolament, tista' tibqa' tiġi invokata għal perjodu ta' tliet xhur skont l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jkun vinkolanti fit-totalità tiegħu, u direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
Algirdas ŠEMETA
*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

([2]) ĠU L 302, 19.10.1992, p. 1.

*ANNESS*

| Deskrizzjoni tal-prodotti | Klassifikazzjoni (Kodiċi NM) | Raġunijiet |
|---|---|---|
| (1) | (2) | (3) |
| Il-prodott għandu l-kompożizzjoni li ġejja (% tal-piż):<br>— alkoħol etiliku 70<br>— gażolina 30<br>Il-prodott huwa ttrasportat bil-kwantità. | 2207 20 00 | Il-klassifikazzjoni hija determinata mir-Regoli Ġenerali 1, 3(a) u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u permezz tal-kliem tal-kodiċi NM 2207 u 2207 20 00. Bl-applikazzjoni tar-Regola Ġenerali 3(a), l-intestatura 2207 tipprovdi deskrizzjoni aktar speċifika meta kkumparata mal-intestatura 3824 li tipprovdi deskrizzjoni aktar ġenerali. Għaldaqstant, il-klassifikazzjoni taħt l-intestatura 3824 hija eskluża.<br>Il-prodott huwa taħlita sempliċi ta' alkoħol etiliku u gażolina. Il-livell ta' persentaġġ ta' gażolina fil-prodott ma jagħmlux tajjeb għall-konsum uman, però ma jimpedixxix l-użu tal-prodott għal skopijiet industrijali (ara wkoll in-Noti Spjegattivi tas-SA ta' mal-intestatura 2207, ir-raba' paragrafu).<br>Għaldaqstant, il-prodott għandu jiġi kklassifikat taħt il-kodiċi tan-NM 2207 20 00 bħala alkoħol etiliku denaturat. |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 212/2012

## tat-12 ta' Marzu 2012

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni,*
*F'isem il-President,*
José Manuel SILVA RODRÍGUEZ
*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | IL | 121,2 |
| | MA | 64,4 |
| | TN | 80,4 |
| | TR | 108,1 |
| | ZZ | 93,5 |
| 0707 00 05 | JO | 108,0 |
| | TR | 164,3 |
| | ZZ | 136,2 |
| 0709 91 00 | EG | 76,0 |
| | ZZ | 76,0 |
| 0709 93 10 | MA | 54,5 |
| | TR | 131,1 |
| | ZZ | 92,8 |
| 0805 10 20 | EG | 51,8 |
| | IL | 68,0 |
| | MA | 55,4 |
| | TN | 59,0 |
| | TR | 71,8 |
| | ZZ | 61,2 |
| 0805 50 10 | BR | 43,7 |
| | EG | 41,7 |
| | MA | 69,1 |
| | TR | 46,3 |
| | ZZ | 50,2 |
| 0808 10 80 | BR | 90,5 |
| | CA | 121,2 |
| | CL | 103,5 |
| | CN | 108,7 |
| | MK | 31,8 |
| | US | 158,6 |
| | ZZ | 102,4 |
| 0808 30 90 | AR | 81,8 |
| | CL | 105,0 |
| | CN | 41,0 |
| | ZA | 92,2 |
| | ZZ | 80,0 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tad-9 ta’ Marzu 2012**

**li taħtar membru Litwan u żewġ membri supplenti Litwani fil-Kumitat tar-Reġjuni**

(2012/146/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b’mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Gvern Litwan,

Billi:

(1) Fit-22 ta’ Diċembru 2009 u fit-18 ta’ Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE [1] u 2010/29/UE [2] li jaħtru l-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta’ Jannar 2010 sal-25 ta’ Jannar 2015.

(2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Vytas APUTIS sar vakanti siġġu ta’ membru fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandati tas-Sur Gintautas BABRAVIČIUS u s-Sur Viktor TROFIMOV, saru vakanti s-siġġijiet ta’ żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Huma b’dan maħturin fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta’ Jannar 2015:

(a) bħala membru:

— is-Sur Audrius BIELSKUS, *Kazlų Rūdos savivaldybės tarybos narys*

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Vincas KAPOČIUS, *Trakų rajono savivaldybės tarybos narys (meras)*

— is-Sur Viktoras TROFIMOVAS, *Panevėžio miesto savivaldybės tarybos narys* (bidla fil-mandat).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta’ Marzu 2012.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

I. AUKEN

---

(1) ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

(2) ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tad-9 ta' Marzu 2012

## li tapprova ċerti programmi emendati għall-qerda u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u żoonożi għas-sena 2012 u li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/807/UE fir-rigward tal-miżuri eliġibbli għall-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal programmi għall-qerda tal-marda tal-ħakk u l-pagament bil-quddiem tal-Unjoni fi programmi għall-qerda tal-idrofobija għas-sena 2012

*(notifikata bid-dokument numru C(2012) 1406)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2012/147/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/470/KE tal-25 ta' Mejju 2009 dwar in-nefqa fil-kamp veterinarju [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 27(5) u (6) tagħha.

Billi

(1) Id-Deċiżjoni 2009/470/KE tistabbilixxi proċeduri li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ tal-mard tal-annimali u żoonożi.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/341/KE tal-25 ta' April 2008 li tistabbilixxi l-kriterji Komunitarji għal programmi nazzjonali għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi [2] tistipula li sabiex jiġu approvati taħt il-miżuri finanzjarji tal-Unjoni, il-programmi ppreżentati lill-Kummissjoni mill-Istati Membri għall-qerda, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' mard tal-annimali u żoonożi għandhom jissodisfaw mill-inqas il-kriterji stipulati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Portugall ippreżenta programm emendat għall-monitoraġġ u l-qerda tal-marda tad-deni katarrali (bluetongue), il-Greċja ppreżentat programm emendat għall-monitoraġġ tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli (EST), u għall-qerda tal-enċefalopatija sponġiformi tal-bovini u l-qerda tal-marda tal-ħakk u l-Bulgarija ppreżentat u emendat programm għall-qerda tal-idrofobija.

(4) Il-Kummissjoni vvalutat dawk il-programmi emendati kemm mil-lat veterinarju kif ukoll minn dak finanzjarju. Instabu li kienu konformi mal-leġiżlazzjoni veterinarja rilevanti tal-Unjoni u b'mod partikolari mal-kriterji stabbiliti fl-Anness tad-Deċiżjoni 2008/341/KE. Il-programmi emendati ppreżentati minn dawk l-Istati Membri għandhom għalhekk jiġu approvati

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċerta enċefalopatija sponġiformi li tinxtered [3] jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-qerda tal-ESTs fl-annimali. L-Anness VII ta' dak ir-Regolament jistabbilixxi l-miżuri ta' qerda li għandhom jiġu implimentati wara li tkun ġiet ikkonfermata tifqigħa ta' EST fl-annimali bovini, ovini u kaprini.

(6) Il-Punt 2.3(d) tal-Kapitolu A ta' dak l-Anness, kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 727/2007 [4], dejjem jekk l-Istati Membri jiddeċiedu li jissostitwixxu bi qtil għall-konsum tal-bniedem, il-qtil u l-qerda sħiħa ta' ċerti annimali ovini u kaprini fil-post fejn l-annimal instab li kellu EST, dejjem jekk kien hemm konformità ma' ċerti kundizzjonijiet.

(7) Fis-17 ta' Lulju 2007, fil-Kawża T-257/07, Franza ressqet azzjoni kontra l-Kummissjoni Ewropea quddiem il-Qorti Ġenerali, u applikat għall-annullament parzjali ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 727/2007, b'mod partikolari l-punt 2.3(d) tal-Kapitolu A tal-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(8) Fl-Ordni tagħha tat-28 ta' Settembru 2007 [5], il-Qorti Ġenerali ssospendiet l-applikazzjoni tal-punt 2.3(b)(iii), il-punt 2.3(d) u l-punt 4 tal-Kapitolu A tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 727/2007, sakemm tingħata sentenza fuq l-azzjoni ewlenija. F'dik l-Ordni, il-Qorti Ġenerali ddubitat il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tad-dejta xjentifika disponibbli dwar ir-riskji possibbli.

(9) Sussegwentement, il-Kummissjoni saqsiet lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel biex tgħinha tiċċara l-premessi ewlenin li ssejjes fuqhom ir-Regolament (KE) Nru 727/2007. Fid-dawl tal-kjarifiki tal-EFSA, ir-Regolamenr (KE) Nru 999/2001 ġie emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 746/2008 [6] li reġa' daħħal dawk id-dipożizzjonijiet li l-applikazzjoni tagħhom kienet ġiet sospiża mill-Qorti Ġenerali.

[1] ĠU L 155, 18.6.2009, p. 30.
[2] ĠU L 115, 29.4.2008, p. 44.
[3] ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
[4] ĠU L 165, 27.6.2007, p. 8.
[5] ĠU C 283, 24.11.2007, p. 28.
[6] ĠU L 202, 31.7.2008, p. 11.

(10) Fl-Ordni tagħha tat-30 ta' Ottubru 2008 [1], il-Qorti Ġenerali ssospendiet l-applikazzjoni tal-punt 2.3(b)(iii), il-punt 2.3(d) u l-punt 4 tal-Kapitolu A tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 746/2008, sakemm tingħata sentenza fuq l-azzjoni ewlenija fil-Kawża T-257/07.

(11) Fis-sentenza tagħha tad-9 ta' Settembru 2011 [2] il-Qorti Ġenerali ma laqgħetx l-azzjoni ta' Franza. Fid-dawl ta' dik is-sentenza, l-applikazzjoni tal-punt 2.3(b)(iii), il-punt 2.3(d) u l-punt 4 tal-Kapitolu A tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 746/2008 ma għadhiex sospiża.

(12) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/807/UE tat-30 ta' Novembru 2011 li tapprova programmi annwali u pluriennali u l-kontribut finanzjarju tal-Unjoni għall-eradikazzjoni, il-kontroll u l-monitoraġġ ta' ċertu mard tal-annimali u żoonożi ppreżentati mill-Istati Membri għall-2012 u s-snin ta' wara [3] tapprova ċerti programmi nazzjonali u tistabbilixxi r-rata u l-ammont massimu tal-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għal kull programm ippreżentat mill-Istati Membri u r-regoli dwar il-pagament tal-ammonti eliġibbli.

(13) Ċerti Stati Membri esprimew l-intenzjoni tagħhom li, bħala parti mill-programmi tagħhom approvati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE, japplikaw il-possibilità li minflok joqtlu u jeqirdu kompletament l-annimali ovini u kaprini, joqtluhom għall-konsum tal-bniedem, kif previst fil-punt 2.3(d) tal-Kapitolu A tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

(14) Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għall-programmi ta' qerda tal-marda tal-ħakk, kif stipulati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE attwalment, ma tkoprix il-kumpens mogħti lis-sidien ta' annimali ovini u kaprini maqtula ta' bilfors skont il-punt 2.3(d) tal-Kapitolu A tal-Anness VII tar-Regolament (KE) Nru 999/2001.

(15) Għaldaqstant, huwa xieraq li jinbeda l-finanzjament ta' programmi ta' qtil obbligatorju ta' annimali ovini u kaprini bħala alternattiva għall-qtil u l-qerda fil-qafas tal-programmi ta' qerda tal-marda tal-ħakk. Dan il-finanzjament ma jeħtieġx l-ebda żieda fl-ammonti allokati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE għall-programmi tal-Istati Membri għall-monitoraġġ u l-qerda ta' enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli.

(16) Barra minn hekk, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE tistipula li biss l-ispejjeż imġarrba fit-twettiq tal-programmi annwali u multiannwali mħallsa qabel il-preżentazzjoni tar-rapport finali mill-Istati Membri, huma eliġibbli għal kofinanzjament permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja. Madankollu, għal ċerti spejjeż, il-Kummissjoni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, għandha tħallas pagament akkont bil-quddiem ta' 'l fuq minn 60 % tal-ammont massimu speċifikat fi żmien tliet xhur mill-wasla tat-talba. L-ispejjeż għal kampanji ta' tilqim orali kontra l-idrofobija mhumiex koperti kompletament b'dik il-possibilità ta' pagament akkont bil-quddiem.

(17) Il-programmi għall-qerda tal-idrofobija fl-Istati Membri permezz ta' tilqim orali kienu ta' suċċess fis-snin ta' qabel u wasslu għall-qerda tal-marda f'parti kbira tal-Unjoni. Għaldaqstant, programmi bħal dawn għandhom jibqgħu jsiru fl-inħawi tal-Unjoni fejn il-marda tal-idrofobija hija endemika.

(18) Ċerti Stati Membri infurmaw lill-Kummissjoni li qed jesperjenzaw diffikultajiet biex jiżguraw finanzjament bil-quddiem għall-kampanji ta' tilqim orali kontra l-idrofobija. F'dawn l-aħħar snin, in-nuqqas ta' finanzjament bil-quddiem wassal, f'xi każijiet, għall-kanċellazzjoni tal-kampanji ppjanati f'żoni milqutin mill-idrofobija.

(19) L-interruzzjonijiet fl-implimentazzjoni regolari tal-kampanji ta' tilqim orali kontra l-idrofobija jaffettwaw bil-kbir l-effettività tal-programmi u jtawwlu l-ħin li jkun hemm bżonn sabiex fl-aħħar il-marda tinqered.

(20) Għaldaqstant, huwa xieraq li tiġi estiża l-possibilità ta' pagament akkont bil-quddiem għall-ispejjeż kollha mġarrba mill-Istati Membri fi programmi għall-qerda tal-idrofobija li huma approvati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE.

(21) L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE għandu jiġi emendat fir-rigward tat-tifsira tal-ispejjeż eliġibbli għall-kumpens tas-sidien ta' annimali maqtula biex din tkun tinkludi l-qtil obbligatorju fil-qafas tal-programmi ta' qerda tal-marda tal-ħakk.

(22) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(23) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Approvazzjoni tal-programm emendat għall-monitoraġġ u l-qerda tad-deni katarrali (bluetongue) ppreżentat mill-Portugall**

Il-programm emendat għall-monitoraġġ u l-qerda tad-deni katarrali (bluetongue) ippreżentat mill-Portugall fil-31 ta' Jannar 2012 huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

(1) ĠU C 327, 20.12.2008, p. 26.
(2) ĠU C 311, 22.10.2011, p. 33.
(3) ĠU L 322, 6.12.2011, p. 11.

*Artikolu 2*

**Approvazzjoni tal-programm emendat għall-monitoraġġ u l-qerda tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli ppreżentat mill-Greċja**

Il-programmi emendati għall-monitoraġġ tal-enċefalopatiji sponġiformi trażmissibbli, u għall-qerda tal-enċefalopatija sponġiformi tal-bovini (ESB) u l-marda tal-ħakk ippreżentati mill-Greċja fil-21 ta' Diċembru 2011 huma b'dan approvati għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012:

*Artikolu 3*

**Approvazzjoni tal-programm emendat għall-qerda tal-marda tal-idrofobija ppreżentat mill-Bulgarija**

Il-programm emendat għall-qerda tal-idrofobija ppreżentat mill-Bulgarija fit-23 ta' Diċembru 2011 huwa b'dan approvat għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2012 sal-31 ta' Diċembru 2012.

*Artikolu 4*

**Emendi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE**

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2011/807/UE, hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 9(2), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) isir bir-rata ta' 50 % tal-ispiża mġarrba minn kull Stat Membru għall-kumpens li s-sidien għandhom jingħataw għall-valur tal-annimali tagħhom:

(i) maqtula u meqruda skont il-programmi tagħhom ta' qerda tal-ESB u l-marda tal-ħakk;

(ii) maqtula ta' bilfors skont l-Anness VII, il-Kapitolu A, il-punt 2.3(d) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;"

(2) fl-Artikolu 9(3), il-punt (b) jinbidel b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "(b) għan-nagħaġ jew mogħoż maqtula u meqruda | EUR 70 għal kull annimal; |
| (c) għan-nagħaġ jew mogħoż maqtula: | EUR 50 għal kull annimal." |

(3) fl-Artikolu 13, il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2, għall-programmi msemmija fl-Artikolu 10 u 11, il-Kummissjoni, fuq talba tal-Istat Membru kkonċernat, tħallas pagament akkont bil-quddiem ta' 'l fuq minn 60 % tal-ammont massimu speċifikat fi żmien tliet xhur mill-wasla tat-talba."

(4) fl-Anness, il-punt 2 jinbidel b'dan li ġej:

"2. Kumpens lis-sidien għall-valur tal-annimali maqtula u meqruda tagħhom:

Il-kumpens ma jaqbiżx il-valur tas-suq tal-annimal immedjatament qabel ma dan ikun inqatel jew inqered.

Għall-annimali maqtula, il-valur tal-irkupru, jekk dan iseħħ, jitnaqqas mill-kumpens."

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Deċiżjoni hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

John DALLI

*Membru tal-Kummissjoni*

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

### tad-9 ta' Marzu 2012

### dwar it-tħejjijiet għall-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti

(2012/148/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Il-grilji intelliġenti jimmarkaw żvilupp ġdid fit-triq lejn iktar setgħa lill-konsumatur, integrazzjoni ikbar ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-grilja u iktar effiċjenza enerġetika u jagħtu kontribut konsiderevoli biex jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u biex jinħolqu l-impjiegi u l-iżvilupp teknoloġiku fl-Unjoni.

(2) Skont id-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE ([1]) u d-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE ([2]), l-Istati Membri huma meħtieġa jiżguraw l-implimentazzjoni tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti li jgħinu l-parteċipazzjoni attiva tal-konsumaturi fil-provvista tal-elettriku u fis-swieq tal-provvista tal-gass u l-implimentazzjoni ta' dawk is-sistemi ta' metraġġ tista' tkun soġġetta għal valutazzjoni ekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji kollha fuq żmien twil għas-suq u għall-konsumatur individwali jew liema forma ta' metraġġ intelliġenti hija raġonevoli ekonomikament u kosteffikaċi u liema perjodu ta' żmien ikun fattibbli għall-użu tagħhom.

(3) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni tat-12 ta' April 2011 dwar il-"Grilji Intelliġenti: nimxu mill-innovazzjoni sal-użu tagħhom" ([3]) tħabbar għadd ta' miżuri, inkluż il-monitoraġġ tal-progress tal-Istati Membri, u tistabbilixxi linji gwida għall-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u linji gwida li jiddefinixxu metodoloġija għall-pjanijiet tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti, flimkien ma' analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji.

(4) L-Aġenda Diġitali għall-Ewropa telenka sett ta' miżuri xierqa, partikolarment dwar il-protezzjoni tad-dejta fl-Unjoni, dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni, dwar l-attakki ċibernetiċi u dwar il-funzjonalitajiet għall-grilji u l-metraġġ intelliġenti. L-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-industrija, il-Kummissjoni u partijiet interessati oħrajn, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw approċċ koerenti.

(5) Wieħed mill-kompiti u l-prekundizzjonijiet ewlenin meħtieġa għall-użu tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti huwa li jinstabu soluzzjonijiet tekniċi u legali xierqa li jissalvagwardjaw il-protezzjoni tad-dejta personali bħala dritt fundamentali skont l-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri u l-partijiet interessati għandhom jiżguraw, speċjalment fil-fażi inizjali tal-introduzzjoni tal-miters intelliġenti, li l-applikazzjonijiet tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti jkunu mmonitorjati u li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-individwi jiġu rrispettati.

(6) Is-sistemi ta' metraġġ intelliġenti jippermettu l-ipproċessar tad-dejta, inkluż dejta prevalentement personali. Barra minn hekk, l-użu ta' grilji intelliġenti u sistemi ta' metraġġ intelliġenti għandu jippermetti lill-fornituri u l-operaturi tan-netwerk jevolvu minn ħarsa ġenerali tal-imġiba dwar l-enerġija għal informazzjoni dettaljata dwar l-imġiba tal-enerġija tal-konsumaturi finali individwali.

(7) Id-drittijiet u l-obbligi pprovduti fid-Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta ([4]) u d-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (*Directive on privacy and electronic communications*) ([5]) huma applikabbli bis-sħiħ għall-metraġġ intelliġenti li jipproċessa d-dejta personali, b'mod partikolari fl-użu ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament għal relazzjonijiet kuntrattwali u kummerċjali mal-klijenti.

([1]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55.
([2]) ĠU L 211, 14.8.2009, p. 94.
([3]) COM(2011) 202 finali.
([4]) ĠU L 281, 23.11.1995, p. 31.
([5]) ĠU L 201, 31.7.2002, p. 37.

(8) L-opinjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali stabbilit skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva 95/46/KE jipprovdu gwida biex jiġu identifikati u żviluppati "l-aqwa tekniki disponibbli" għas-salvagwardja tad-dejta personali u biex tiġi garantita s-sigurtà tad-dejta meta d-dejta tkun ipproċessata f'sistemi ta' metraġġ intelliġenti u grilji intelliġenti.

(9) Fid-dawl tal-potenzjal għall-użu tal-grilji intelliġenti, għandha tingħata attenzjoni partikolari lis-sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta personali pproċessata b'sistemi ta' metraġġ intelliġenti. F'dan ir-rigward, il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta għandhom jippermettu li mill-bidu jkunu identifikati r-riskji għall-protezzjoni tad-dejta fl-iżviluppi tal-grilji intelliġenti.

(10) Il-karatteristiċi tal-protezzjoni tad-dejta u tas-sigurtà tal-informazzjoni għandhom jiġu inkorporati f'sistemi ta' metraġġ intelliġenti qabel ma jiġu introdotti u ma jibdew jintużaw estensivament. Dawn il-fatturi jistgħu jtejbu b'mod effettiv il-kontroll tal-konsumaturi fl-ipproċessar tad-dejta personali.

(11) L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-industrija u mal-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili, b'mod partikolari mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta, biex jistimulaw u jappoġġaw l-introduzzjoni tas-"sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta permezz tal-prinċipju tad-disinn" fi stadju bikri tal-iżvilupp tal-grilji intelliġenti, partikolarment għall-introduzzjoni tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti.

(12) Kwalunkwe parti li tipproċessa d-dejta personali fil-kuntest tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti għandha tieħu l-passi raġonevoli kollha biex tiżgura li d-dejta ma tistax tiġi traċċata għal persuna identifikata jew identifikabbli bi kwalunkwe mezz li aktarx jintuża minn jew l-operatur tan-netwerk jew kwalunkwe parti terza oħra, sakemm id-dejta ma tiġix ipproċessata b'konformità mal-prinċipji applikabbli u r-regoli legali dwar il-protezzjoni tad-dejta.

(13) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Mejju 2007 dwar "il-Promozzjoni tal-protezzjoni tad-Data [Dejta] b'teknoloġiji li jtejbu l-privatezza (PETs)" ([1]) tistabbilixxi miżuri ċari biex jintlaħqu l-għanijiet li l-ipproċessar tad-dejta personali jiġi mnaqqas kemm jista' jkun u li, fejn possibbli, jintużaw id-dejta anonima u d-dejta psewdonoma billi jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-PETs u l-użu tagħhom mill-kontrolluri tad-dejta u mill-individwi.

(14) Mudell li ġie żviluppat fil-livell tal-Unjoni għat-twettiq tal-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta għandu jiżgura li d-dispożizzjonijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni jiġu segwiti b'mod koerenti mill-Istati Membri kollha.

(15) Valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta mwettqa mill-operatur u l-partijiet interessati qabel l-introduzzjoni tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti se tipprovdi l-informazzjoni neċessarja sabiex jittieħdu miżuri protettivi xierqa. Dawn il-miżuri għandhom jiġu mmonitorjati u riveduti tul il-ħajja tal-miters intelliġenti.

(16) Skont id-Direttiva 2009/72/KE, l-Istati Membri huma mistennija li sat-3 ta' Settembru 2012 ilestu l-valutazzjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-introduzzjoni tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti. Skont il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-12 ta' April 2011, il-Kummissjoni tqis li huwa importanti li tistabbilixxi kriterji, mudell u iktar linji gwida ġenerali li jtejbu d-dettall u l-komparabbiltà tal-analiżijiet. Kif issuġġerixxiet it-Task Force għall-Grilji Intelliġenti ([2]), il-kriterji għandhom jużaw indikaturi kwantifikabbli.

(17) L-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-industrija, mal-Kummissjoni u ma' partijiet interessati oħrajn, għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex ixerrdu l-informazzjoni dwar il-benefiċċji u r-riskji potenzjali assoċjati mal-użu tat-teknoloġija tal-metraġġ intelliġenti u jżidu s-sensibilazzjoni dwarhom.

(18) F'dan ir-rigward, l-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-industrija, l-assoċjazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u partijiet interessati oħrajn, għandhom jidentifikaw u jxerrdu eżempji ta' prattika tajba fl-applikazzjonijiet ta' metraġġ intelliġenti u jieħdu miżuri xierqa, bħal proġetti pilota fuq skala kbira, sabiex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika, bħala prerekwiżit għal introduzzjoni usa' ta' din it-teknoloġija.

(19) L-istabbiliment ta' sett ta' rekwiżiti funzjonali rrakkomandati jippermetti lill-Istati Membri jiksbu livell eċċellenti tal-kosteffiċjenza fil-pjanijiet tagħhom ta' introduzzjoni b'mod aktar faċli u simultanju. L-istabbiliment tal-istess rekwiżiti għandu wkoll jipprovdi lir-regolaturi, lill-industrija tal-metraġġ, lill-operaturi tan-netwerk u lill-fornituri xi indikazzjoni tal-approċċi li l-iktar se jittieħdu f'dan is-settur.

(20) Abbażi tal-linji gwida ta' prattika tajba definiti mill-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass (minn hawn 'il quddiem msejħa l-"ERGEG") ([3]) u abbażi tal-analiżi tal-ewwel stimi tal-ispejjeż u l-benefiċċji kkomunikata mill-Istati Membri, il-Kummissjoni tara benefiċċju f'li tirrakkomanda lill-Istati Membri u r-regolaturi sett ta' funzjonalitajiet minimi komuni għall-miters intelliġenti.

(21) Wara konsultazzjoni mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta,

([1]) COM(2007) 228 finali.

([2]) http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/smartgrids/taskforce_en.htm

([3]) Il-linji Gwida ta' Prattika Tajba (GGP) tal-ERGEG dwar l-aspetti regolatorji ta' miters intelliġenti għall-elettriku u l-gass (Ref. E10-RMF-29-05).

ADOTTAT DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

## I. KUNSIDERAZZJONIJIET TAL-PROTEZZJONI U S-SIGURTÀ TAD-DEJTA

1. Din it-Taqsima tipprovdi gwida lill-Istati Membri dwar id-disinn u l-operat ta' grilji intelliġenti u sistemi ta' metraġġ intelliġenti li tiżgura d-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali.

2. Din it-Taqsima tipprovdi wkoll gwida dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu fl-użu tal-applikazzjonijiet tal-metraġġ intelliġenti sabiex jiġi żgurat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali li timplimenta d-Direttiva 95/46/KE tiġi mħarsa, fejn applikabbli, meta jibdew jintużaw dawn it-teknoloġiji.

### Definizzjonijiet

3. L-Istati Membri huma mistiedna jieħdu nota tad-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "Grilja intelliġenti" [1] tfisser netwerk tal-enerġija aġġornat li miegħu jkunu żdiedu l-komunikazzjoni diġitali miż-żewġ naħat bejn il-fornitur u l-konsumatur, is-sistemi tal-metraġġ intelliġenti u s-sistemi tal-monitoraġġ u l-kontroll.

(b) "Sistema ta' metraġġ intelliġenti" tfisser sistema elettronika li tista' tkejjel il-konsum tal-enerġija, li żżid iktar informazzjoni minn miter konvenzjonali, u li tista' tittrażmetti u tirċievi d-dejta billi tuża tip ta' komunikazzjoni elettronika [2].

(c) "Valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta" tfisser proċess sistematiku għall-evalwazzjoni tal-impatt potenzjali tar-riskji fejn l-operazzjonijiet tal-ipproċessar aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta minħabba n-natura tagħhom, il-kamp ta' applikazzjoni jew il-finijiet tagħhom li jkunu se jsiru mill-kontrollur jew il-proċessur jew il-proċessur li jaġixxi f'isem il-kontrollur.

(d) "Protezzjoni tad-dejta permezz tad-disinn" titlob li wara li jiġi kkunsidrat l-istat l-iktar avvanzat u l-ispiża tal-implimentazzjoni, kemm fil-ħin tad-determinazzjoni tal-mezz għall-ipproċessar kif ukoll fil-ħin tal-ipproċessar innifsu, jiġu implimentati miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa u proċeduri b'tali mod li l-ipproċessar jissodisfa r-rekwiżiti tad-Direttiva 95/46/KE u jiżgura l-protezzjoni tad-drittijiet tas-suġġett tad-dejta.

(e) Il-"protezzjoni tad-dejta b'mod awtomatiku" teżiġi l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi li jiżguraw li, b'mod awtomatiku, tiġi pproċessata biss dik id-dejta personali li hija neċessarja għal kull fini speċifika tal-ipproċessar u li, speċjalment, ma tinġabarx jew ma tinżammx lil hinn mill-minimu neċessarju għal dawk il-finijiet, kemm f' termini tal-ammont tad-dejta kif ukoll iż-żmien tal-ħażna tagħha.

(f) "L-aqwa tekniki disponibbli" jirreferu għall-iktar stadju effettiv u avvanzat fl-iżvilupp tal-attivitajiet u tal-metodi tagħhom ta' kif joperaw li jindika l-adegwatezza prattika ta' tekniki partikulari biex fil-prinċipju jipprovdu l-bażi għall-konformità mal-qafas tal-UE dwar il-protezzjoni tad-dejta. Huma mfassla sabiex jevitaw jew itaffu r-riskji fir-rigward tal-privatezza, id-dejta personali, u s-sigurtà.

*Valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta*

4. Il-valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta għandha tiddeskrivi l-operazzjonijiet tal-ipproċessar ippjanati, il-valutazzjoni tar-riskji għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta, il-miżuri previsti biex jindirizzaw ir-riskji, is-salvagwardji, il-miżuri tas-sigurtà u l-mekkaniżmi li jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta personali u li juru konformità mad-Direttiva 95/46/KE, filwaqt li tikkunsidra d-drittijiet u l-interessi leġittimi tas-suġġetti tad-dejta u l-persuni kkonċernati.

5. Sabiex jiggarantixxu l-protezzjoni tad-dejta personali madwar l-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jadottaw u japplikaw mudell ta' valutazzjoni tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta biex jiġi żviluppat mill-Kummissjoni u jitressaq lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali għall-opinjoni tiegħu fi żmien tnax-il xahar mill-pubblikazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Meta jimplimentaw dan il-mudell, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw il-parir tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-netwerk u l-operaturi ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti, b'konformità mal-obbligi tagħhom skont id-Direttiva 95/46/KE, jieħdu l-miżuri tekniċi u dawk organizzativi xierqa biex jiżguraw il-protezzjoni tad-dejta personali.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li qabel l-ipproċessar, l-entità li tipproċessa d-dejta personali tikkonsulta mal-Awtorità Superviżorja tal-Protezzjoni tad-Dejta msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE dwar il-valutazzjoni tal-impatt tal-protezzjoni tad-dejta. Dan għandu jippermetti lill-Awtorità tivvaluta l-konformità tal-ipproċessar u, partikolarment, ir-riskji għall-protezzjoni tad-dejta personali tas-suġġett tad-dejta u s-salvagwardji relatati.

9. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li ladarba l-mudell għall-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-protezzjoni tad-dejta, kif ipprovdut fil-punt 5, ikun ġie adottat, l-operaturi tan-netwerk jimplimentaw il-punti 7 u 8 skont dan.

---

[1] It-Task Force Ewropea għall-Grilji Intelliġenti tiddefinixxi l-grilji intelliġenti bħala netwerks tal-enerġija li jistgħu jintegraw l-imġiba tal-utenti kollha konnessi magħhom b'mod effiċjenti sabiex jiżguraw sistema tal-enerġija sostenibbli u ekonomikament effiċjenti bi ftit telf u kwalità u sigurtà għolja ta' provvista u sigurtà: http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/smartgrids/doc/expert_group1.pdf.

[2] Nota interpretattiva dwar id-Direttiva 2009/72/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fl-elettriku u d-Direttiva 2009/73/KE dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali — Is-swieq bl-imnut, p. 7.

*Protezzjoni tad-dejta bid-disinn u protezzjoni tad-dejta b'issettjar awtomatiku*

10. L-Istati Membri għandhom iħeġġu bis-sħiħ lill-operaturi tan-netwerks biex jinkorporaw il-protezzjoni tad-dejta bid-disinn u l-protezzjoni tad-dejta permezz ta' ssettjar awtomatiku fl-użu tal-grilji u s-sistemi ta' metraġġ intelliġenti.

11. Il-protezzjoni tad-dejta bid-disinn u l-protezzjoni tad-dejta b'issettjar awtomatiku għandhom jiġu inkorporati fil-metodoloġiji tal-partijiet involuti fl-iżvilupp tal-grilji intelliġenti meta tiġi pproċessata d-dejta personali.

12. Il-protezzjoni tad-dejta bid-disinn għandha tiġi implimentata fuq livell leġiżlattiv (permezz ta' leġiżlazzjoni li trid tkun konformi mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta), fuq livell tekniku (billi tistabbilixxi rekwiżiti xierqa fl-istandards tal-grilji intelliġenti biex tiżgura li l-infrastruttura hija kompletament konsistenti mal-liġijiet dwar il-protezzjoni tad-dejta) u fuq il-livell organizzattiv (relatat mal-ipproċessar).

13. Il-protezzjoni tad-dejta b'issettjar awtomatiku għandha tiġi implimentata sabiex l-iktar għażla favorevoli għall-protezzjoni tad-dejta tiġi pprovduta lill-klijent bħala l-konfigurazzjoni awtomatika.

14. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jagħtu preferenza lill-arkitetturi ta' referenza għall-grilji intelliġenti bbażati fuq il-protezzjoni tad-dejta mid-disinn u fuq il-protezzjoni tad-dejta b'issettjar awtomatiku.

15. Għall-finijiet tal-ottimizzazzjoni tat-trasparenza u l-fiduċja tal-individwi, l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' mekkaniżmi ta' ċertifikazzjoni ta' privatezza xierqa u siġilli u marki tal-protezzjoni tad-dejta, ipprovduti minn partijiet indipendenti.

16. L-Artikolu 8 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8(2) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jitolbu li tiġi ġġustifikata kwalunkwe interferenza fid-dritt għall-protezzjoni tad-dejta personali. Il-leġittimità tal-interferenza għandha tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ fid-dawl tal-kriterji kumulattivi tal-legalità, in-neċessità, il-leġittimità u l-proporzjonalità. Għalhekk, kwalunkwe pproċessar tad-dejta personali li jinterferixxi mad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta personali f'sistema ta' grilji intelliġenti u ta' metraġġ intelliġenti, irid ikun neċessarju u proporzjonali biex ikun ikkunsidrat kompletament konformi mal-Karta.

17. Sabiex jittaffew ir-riskji fuq id-dejta personali u s-sigurtà, l-Istati Membri, b'kollaborazzjoni mal-industrija, il-Kummissjoni u partijiet interessati oħra, għandhom jappoġġaw id-determinazzjoni tal-aqwa tekniki disponibbli għal kull rekwiżit funzjonali minimu komuni elenkat fil-punt 42 tar-Rakkomandazzjoni.

*Miżuri ta'protezzjoni tad-dejta*

18. Meta jiddeċiedu dwar il-medda tal-informazzjoni permessa għall-ipproċessar fil-grilji intelliġenti, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex kemm jista' jkun jimponu l-użu tad-dejta anonima b'tali mod li l-individwu ma jibqax identifikabbli. F'każijiet fejn id-dejta personali għandha tinġabar, tiġi pproċessata u maħżuna, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-dejta tkun xierqa u rilevanti. Il-ġbir tad-dejta għandu jkun limitat għall-minimu neċessarju għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-dejta u d-dejta għandha tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-dejta għal mhux iktar milli jkun neċessarju għall-finijiet li għalihom tiġi pproċessata d-dejta personali.

19. L-ipproċessar tad-dejta personali permezz ta' jew f'sistema ta' metraġġ intelliġenti għandu jkun leġittimu skont wieħed jew iktar mir-raġunijiet elenkati fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE. L-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali fuq il-Metraġġ Intelliġenti ([1]) għandha tiġi kkunsidrata.

20. L-ipproċessar tad-dejta personali minn partijiet terzi li joffru servizzi tal-enerġija b'valur miżjud għandu wkoll ikun legali u bbażat fuq waħda jew iktar minn sitt raġunijiet għall-ipproċessar leġittimu elenkat fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE. Meta l-kunsens ikun magħżul bħala l-bażi għall-ipproċessar, il-kunsens tas-suġġett tad-dejta għandu jingħata liberament, ikun speċifiku, infurmat u espliċitu u jingħata separatament għal kull servizz b'valur miżjud. Is-suġġett tad-dejta għandu jkollu d-dritt li jirtira l-kunsens tiegħu jew tagħha meta jrid/trid. L-irtirar tal-kunsens ma għandux jaffettwa l-legalità tal-ipproċessar ibbażat fuq il-kunsens qabel l-irtirar.

21. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-kontrolluri tad-dejta u tal-proċessuri tad-dejta. Għandhom ikunu kompatibbli mal-obbligi rispettivi tagħhom stabbiliti fid-Direttiva 95/46/KE.

22. L-Istati Membri għandhom iwettqu analiżi qabel ma jniedu l-operazzjonijiet tal-ipproċessar sabiex jiddeterminaw safejn il-fornituri u l-operaturi tan-netwerk jeħtieġu li jaħżnu d-dejta personali għall-finijiet tal-manutenzjoni u l-operat tal-grilji intelliġenti u għall-kontijiet. Din l-analiżi għandha tippermetti lill-Istati Membri jiddeterminaw, *inter alia,* jekk il-perjodi għall-ħżin tad-dejta personali attwalment stabbiliti fil-liġi nazzjonali mhumiex itwal milli huwa neċessarju għall-finijiet tal-grilji intelliġenti operattivi. Dan għandu jinkludi mekkaniżmi li jiżguraw li l-iskadenzi stabbiliti għat-tħassir tad-dejta personali u għal reviżjoni perjodika tal-ħtieġa li tinħażen d-dejta personali jkunu osservati.

23. Għall-fini ta' din l-analiżi, kull Stat Membru għandu partikolarment jikkunsidra l-prinċipji li ġejjin: il-prinċipju tal-minimizzazzjoni tad-dejta, il-prinċipju tat-trasparenza billi jkun żgurat li l-konsumatur finali jkun infurmat dwar il-finijiet b'mod faċli u b'mod konkret bl-użu ta' lingwaġġ ċar

([1]) L-Opinjoni Nru 183 tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 dwar il-Metraġġ Intelliġenti, April 2011.

u sempliċi, dwar il-finijiet, iż-żmien, iċ-ċirkustanzi, il-ġbir, il-ħżin u kull pproċessar ieħor tad-dejta personali, u l-prinċipju tal-għoti tas-setgħa lill-individwu billi jkun żgurat li l-miżuri mittieħda jissalvagwardjaw id-drittijiet tal-individwu.

*Is-sigurtà tad-dejta*

24. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sigurtà tad-dejta personali titfassal fi stadju bikri bħala parti mill-arkitettura tan-netwerk, bi protezzjoni tad-dejta permezz tal-proċess tad-disinn. Dan għandu jinkludi miżuri li jipproteġu d-dejta personali kontra l-qerda aċċidentali jew illegali jew telf aċċidentali u li jevitaw kull forom illegali ta' pproċessar, b'mod partikolari kwalunkwe żvelar, tixrid, aċċess jew alterazzjoni mhux awtorizzati tad-dejta personali.

25. L-użu ta' kanali fejn id-dejta tkun inqalbet f'kodiċi huwa rrakkomandat hekk kif dan huwa wieħed mill-iktar mezzi tekniċi effettivi kontra l-użu ħażin.

26. L-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li l-komponenti kollha preżenti u futuri tal-grilji intelliġenti jiżguraw il-konformità mal-istandards kollha "rilevanti għas-sigurtà" żviluppati mill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni, inklużi r-rekwiżiti essenzjali tas-Sigurtà tal-Informazzjoni tal-Grilji Intelliġenti fil-mandat tal-istandardizzazzjoni tal-Kummissjoni M/490. L-istandards internazzjonali tas-sigurtà għandhom jiġu kkunsidrati wkoll, partikolarment is-serje ISO/IEC 27000 ("il-familja tal-istandards ISMS").

27. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tan-netwerks jidentifikaw ir-riskji għas-sigurtà u l-miżuri xierqa tas-sigurtà biex jiggarantixxu livell adegwat ta' sigurtà u ta' reżistenza ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti. F'dan ir-rigward, l-operaturi tan-netwerk, b'kooperazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, għandhom japplikaw l-istandards eżistenti, il-linji gwida u l-iskemi, u fejn mhumiex disponibbli jiżviluppaw xi ħaġa ġdida. Il-linji gwida rilevanti ppubblikati mill-Aġenzija Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (ENISA) għandhom jiġu kkunsidrati wkoll.

28. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/58/KE, fil-każ ta' ksur tad-dejta personali, il-kontrollur jinnotifika mingħajr dewmien żejjed (preferibbilment mhux iktar tard minn 24 siegħa wara li jkun ġie stabbilit il-ksur) lill-awtorità superviżorja u lis-suġġett tad-dejta, jekk il-ksur aktarx ikollu effett negattiv fuq il-protezzjoni tad-dejta personali tiegħu jew tagħha.

*Informazzjoni u trasparenza fuq il-metraġġ intelliġenti*

29. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-kontrolluri tad-dejta, skont id-Direttiva 95/46/KE, l-Istati Membri għandhom jitolbu li l-operaturi tan-netwerk jiżviluppaw u jippubblikaw politika ta' informazzjoni ċara u preċiża għal kull applikazzjoni tagħhom. Il-politika għandha tinkludi mill-inqas l-oġġetti msemmija fl-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 95/46/KE.

Meta d-dejta personali relatata mas-suġġett tad-dejta tinġabar, il-kontrollur għandu jipprovdi wkoll lis-suġġett tad-dejta, mill-inqas, l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità u d-dettalji tal-kuntatt tal-kontrollur u r-rappreżentant tal-kontrollur u tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-dejta, jekk hemm;

(b) il-finijiet tal-ipproċessar li għalihom tkun maħsuba d-dejta personali, inklużi t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali u l-interessi leġittimi segwiti mill-kontrollur jekk l-ipproċessar huwa bbażat fuq l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE;

(c) il-perjodu li għalih se tkun maħżuna d-dejta personali;

(d) id-dritt li jsaqsi lill-kontrollur għall-aċċess għad-dejta personali u għall-korrezzjoni jew it-tħassir tagħha rigward is-suġġett tad-dejta jew li joġġezzjona għall-ipproċessar ta' din id-dejta personali;

(e) id-dritt li jressaq ilment mal-awtorità superviżorja msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 95/46/KE u d-dettalji tal-kuntatt tal-awtorità superviżorja;

(f) ir-reċipjenti jew il-kategoriji tar-reċipjenti tad-dejta personali;

(g) kwalunkwe informazzjoni oħra neċessarja biex jiġi ggarantit ipproċessar ġust fir-rigward tas-suġġett tad-dejta, wara li jkunu kkunsidrati ċ-ċirkustanzi speċifiċi li fihom tinġabar id-dejta personali.

**II. METODOLOĠIJA GĦAL EVALWAZZJONI EKONOMIKA TAL-ISPEJJEŻ U L-BENEFIĊĊJI FUQ ŻMIEN TWIL GĦALL-INTRODUZZJONI TA' SISTEMI TA' METRAĠĠ INTELLIĠENTI**

30. Din it-Taqsima tipprovdi gwida lill-Istati Membri flimkien ma' qafas għall-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji bħala bażi għat-twettiq ta' valutazzjoni ekonomika konsistenti, kredibbli u trasparenti tal-ispejjeż u l-benefiċċji fuq żmien twil tal-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti.

31. Il-valutazzjoni ekonomika għandha timxi mal-linji gwida stabbiliti fl-Anness u għandha dejjem tinkludi l-erba' stadji li ġejjin:

— it-tfassil għall-kundizzjonijiet lokali;

— l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji (minn hawn 'il quddiem msemmija bħala "CBA");

— l-analiżi tas-sensittività;

— il-valutazzjoni tal-prestazzjoni, l-esternalitajiet u l-impatt soċjali.

*It-tfassil għall-kundizzjonijiet lokali*

32. Meta titwettaq valutazzjoni ekonomika tal-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jeżaminaw u jikkunsidraw, fejn disponibbli, programmi pilota xierqa li diġà implimentaw sistemi ta' metraġġ intelliġenti. Huma għandhom jikkonsultaw ukoll, fejn possibbli, id-dejta attwali tal-prestazzjoni fil-qasam u esperjenzi pertinenti tal-"ħajja reali", sabiex jipperfezzjonaw l-assunzjonijiet tagħhom dwar l-għażliet teknoloġiċi u jottimizzaw l-ispejjeż u l-benefiċċji assoċjati u l-impenn tal-konsumatur, kemm f'termini ta' kuxjenza pubblika kif ukoll l-użu ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti.

33. Sabiex iwettqu l-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw li jiġi kkunsidrat minimu ta' żewġ xenarji mbassra, u xenarju minnhom ikun dak fejn "kollox jibqa' kif inhu" ("tagħmel xejn u xejn ma jsir"). Fil-każ tal-elettriku, it-tieni xenarju għandu jkun konformi mal-obbligi imposti fid-Direttiva 2009/72/KE ta' introduzzjoni ta' 80 % tal-metraġġ intelliġenti sal-2020 u għandu jiġi kkunsidrat is-sett ta' funzjonalitajiet minimi komuni stabbiliti fit-Taqsima III ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Huwa rrakkomandat li jiġu esplorati xenarji alternattivi addizzjonali. Dawn ix-xenarji għandhom jikkunsidraw ukoll is-sinerġiji bejn miżuri li jiffrankaw l-enerġija eżistenti u futuri flimkien ma' forom oħra ta' rispons u pariri lill-konsumaturi, speċjalment l-introduzzjoni ta' kontijiet frekwenti jew fid-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż bbażati fuq il-konsum attwali minflok rati fissi jew il-konsum stmat. Fix-xenarji alternattivi tagħhom, l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw ir-rwol pożittiv li għandhom l-informazzjoni ċara lill-konsumatur u t-trasparenza tal-prezzijiet, kif ukoll il-kompetizzjoni min-naħa tal-manifatturi u tal-fornituri fl-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti.

34. Meta jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet u jiġu deċiżi l-ipoteżijiet għat-tmexxija tax-xenarji differenti, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw li dawn iwettqu konsultazzjonijiet fil-ħin dwar dan is-suġġett mal-awtoritajiet regolatorji nazzjonali u mal-promoturi u l-infurzaturi tal-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti, li f'ħafna Stati Membri huma l-operaturi tas-sistema tad-distribuzzjoni, u mas-sidien ta' proġetti pilota rilevanti, meta jkunu disponibbli.

35. Fir-rigward, u matul il-proċess tal-istabbiliment tal-kundizzjonijiet qafas, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw li jiġu kkunsidrati t-teknoloġiji infrastrutturali ta' komunikazzjoni, arkitetturi u miżuri xierqa kollha meħtieġa biex jiggarantixxu l-interoperabbiltà u l-konformità mal-istandards u l-aqwa prattika disponibbli tal-Unjoni jew internazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw li s-suppożizzjonijiet li jsostnu l-analiżi huma adattati għaċ-ċirkostanzi lokali, filwaqt li jżommu f'moħħhom parametri bħall-kopertura ġeografika, id-domanda għall-elettriku, l-ogħla livell ta' tagħbija u l-kondizzjonijiet mikro u makroekonomiċi. It-Taqsima 2 tal-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni fiha lista tal-parametri li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jintużaw f'din l-operazzjoni.

*Analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji (CBA)*

36. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw li s-CBA ssegwi l-linji gwida u l-qafas metodoloġiku pass pass (is-"seba' passi tas-CBA") stabbiliti fl-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni. Barra minn hekk, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw kalkolu raġonevoli, trasparenti u ddokumentat b'mod tajjeb għall-ispejjeż u l-benefiċċji mistennija kollha skont il-proċess sekwenzjali loġiku propost għall-istima tagħhom. L-ispejjeż li potenzjalment jista' jġarrab il-konsumatur permezz tal-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti, għandhom jiġi indikati espliċitament fis-CBA u jiġu stabbiliti f'paragun ma' benefiċċji potenzjali fuq żmien twil għall-konsumaturi. Fl-Anness I, it-tabelli 4 u 5 jipproponu lista mhux eżawrjenti tal-elementi li jridu jiddaħħlu fis-CBA.

*Analiżi tas-sensittività*

37. L-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jidentifikaw varjabbli kritiċi għall-analiżi tas-sensittività u jirrapportaw il-kobor tal-medda varjabbli (valuri minimi u massimi tal-varjabbli kritiċi identifikati) għall-kundizzjonijiet pożittivi tal-introduzzjoni fejn il-benefiċċji jaqbżu l-ispejjeż, kif miksuba mill-analiżijiet ta' sensittività li jkunu wettqu. Barra minn hekk, l-analiżi tagħhom tista' tinkludi wkoll ir-reattività tal-volatilità u miżuri possibbli ta' kontroll biex iżommu l-valur tal-varjabbli fil-medda mixtieqa.

*Valutazzjoni tal-prestazzjoni, esternalitajiet u impatt soċjali*

38. Meta jiġu vvalutati l-merti tal-użu, l-esternalitajiet (bħal fuq l-ambjent jew is-saħħa), l-impatt tal-miżuri tal-politika pubblika u l-benefiċċji soċjali mistennija mill-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti, l-Istati Membri jew kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw, għandhom jiżguraw li jiġu kkunsidrati fatturi ta' użin, li jikkumplimentaw ir-riżultati tal-passi preċedenti tas-CBA.

L-Anness għal din ir-Rakkomandazzjoni jipprovdi lista ta' referenzi għal benefiċċji relatati oħra.

## III. REKWIŻITI FUNZJONALI MINIMI KOMUNI TA' SISTEMI TA' METRAĠĠ INTELLIĠENTI GĦALL-ELETTRIKU

39. Din it-Taqsima hija bbażata fuq l-aqwa prattika mis-CBAs bikrija għall-użu ta' metraġġ intelliġenti tal-elettriku li jsir fi 11-il Stat Membru. Tipprovdi gwida dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jużaw tajjeb l-interoperabbiltà u l-istandards xierqa għal sistemi ta' metraġġ intelliġenti li qed jiġi żviluppati bħalissa taħt il-Mandati M/441, M/468 u M/490 u tal-aqwa prattika.

40. L-Istati Membru jingħataw gwida dwar sett ta' rekwiżiti funzjonali minimi komuni għal metraġġ intelliġenti tal-elettriku li jippermettilhom jidentifikaw mezzi komuni biex jiksbu l-kosteffiċjenza fil-pjanijiet tal-introduzzjoni tagħhom. Dan imbagħad jista' jservi lill-Istati Membri, lill-fornituri tal-metraġġ u lill-operaturi tan-netwerk bħala bażi komuni għall-analiżijiet tal-ispejjeż u l-benefiċċji u l-investimenti tagħhom stess biex jiffaċilitaw l-akkwist assoċjat mal-introduzzjoni, u jipprovdi lir-regolaturi definizzjoni tar-referenza Ewropea.

41. Din it-Taqsima tipprovdi wkoll gwida dwar id-dispożizzjonijiet li jiżguraw il-benefiċċji għall-konsumaturi u tikkontribwixxi għaż-żidiet fl-effiċjenza enerġetika. Għandha tiffaċilita r-rabta tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti ma' interfaċċji standardizzati mgħammra b'għodod orjentati lejn il-konsumatur li jgħaqqdu d-dejta dwar il-konsum u l-informazzjoni dwar l-ispiża, u b'hekk iheġġu l-interess tal-konsumatur f'azzjonijiet ta' ffrankar tal-enerġija u rispons għad-domanda. Dan l-approċċ għandu jiġi kkunsidrat bis-sħiħ meta jkunu qed jiġu analizzati l-ispejjeż u l-benefiċċji tal-introduzzjoni tal-kejl intelliġenti tal-elettriku b'konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

*Rekwiżiti funzjonali minimi komuni*

42. Kull sistema ta' metraġġ intelliġenti għall-elettriku għandha għall-inqas toffri l-funzjonalitajiet kollha elenkati hawn taħt:

Għall-klijent:

(a) Tipprovdi qari direttament lill-klijent u kwalunkwe parti terza nnominata mill-konsumatur. Din il-funzjonalità hija essenzjali f'sistema ta' metraġġ intelliġenti, minħabba li r-rispons dirett lill-konsumatur huwa essenzjali biex ikun żgurat l-iffrankar tal-enerġija minnaħa tad-domanda. Hemm kunsens sinifikanti firrigward tad-disposizzjoni tal-interfaċċji standardizzati li jippermettu soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-enerġija "fi żmien reali", bħal awtomazzjoni mid-dar, u skemi differenti ta' reazzjoni għad-domanda u l-iffaċilitar tat-twassil sikur tad-dejta direttament lill-klijent. Il-qari preċiż, faċli u f'waqtu pprovdut direttament mill-interfaċċja tal-għażla tal-klijent lill-klijent u lil kwalunkwe parti terza nnominata mill-konsumatur huwa rrakkomandat ħafna peress li huwa essenzjali biex jaħdmu s-servizzi ta' reazzjoni għad-domanda, waqt li jittieħdu d-deċiżjonijiet tal-iffrankar tal-enerġija "onlajn" u jkun hemm integrazzjoni effettiva tar-riżorsi tal-enerġija ddistribwiti. Sabiex jistimulaw l-iffrankar tal-enerġija, qiegħed jiġi rrakkomandat lill-Istati Membri biex jiżguraw li l-klijenti finali li jużaw sistemi ta' metraġġ intelliġenti jkunu mgħammra b'interfaċċja standardizzata li tipprovdi dejta viżwalizzata bil-konsum individwali lill-konsumatur.

(b) Taġġorna l-qari msemmi fil-punt (a) ta' spiss biżżejjed biex tippermetti li l-informazzjoni tintuża biex ikun hemm iffrankar fl-enerġija. Din il-funzjonalità tirrelata purament għan-naħa tad-domanda, jiġifieri l-klijent finali. Jekk il-konsumaturi għandhom joqogħdu fuq l-informazzjoni pprovduta mis-sistema, jeħtieġ li huma jaraw li l-informazzjoni taqbel mal-azzjoni tagħhom. Ir-rata għandha tiġi adattata għall-ħin tar-rispons tal-prodotti jew li jużaw l-enerġija jew li jipproduċu l-enerġija. Il-kunsens ġenerali huwa li għall-inqas hija meħtieġa rata ta' aġġornament ta' kull 15-il minuta. Huwa probabbli li iktar żviluppi u servizzi ġodda tal-enerġija iwasslu għal komunikazzjonijiet iktar veloċi. Huwa rrakkomandat ukoll li sistema ta' metraġġ intelliġenti għandha tkun kapaċi taħżen id-dejta dwar il-konsum tal-klijent għal żmien raġonevoli sabiex tippermetti lill-klijent u lil kwalunkwe parti terza nnominata mill-konsumatur biex jikkonsultaw u jsibu d-dejta dwar il-konsum fl-imgħoddi. Dan għandu jippermetti li jiġu kkalkulati l-ispejjeż relatati mal-konsum.

Għall-operatur tal-metraġġ:

(c) Tippermetti qari remot tal-miters mill-operatur. Din il-funzjonalità tirrigwarda n-naħa tal-provvista (l-operaturi tal-metraġġ). Hemm kunsens wiesa' li din hija funzjonalità ewlenija.

(d) Tipprovdi komunikazzjoni reċiproka bejn is-sistema ta' metraġġ intelliġenti u netwerks esterni għall-manutenzjoni u l-kontroll tas-sistema ta' metraġġ. Din il-funzjonalità tirrigwarda l-metraġġ. Hemm kunsens wiesa' li din hija funzjonalità ewlenija.

(e) Tippermetti li l-qari jsir spiss biżżejjed biex l-informazzjoni tintuża għall-ippjanar tan-netwerk. Din il-funzjonalità tirrigwarda kemm id-domanda kif ukoll il-provvista.

Għall-aspetti kummerċjali tal-provvista tal-enerġija:

(f) Sistemi ta' appoġġ għal tariffi avvanzati. Din il-funzjonalità tirrigwarda kemm id-domanda kif ukoll il-provvista. Is-sistemi ta' metraġġ intelliġenti għandhom jinkludu strutturi ta' tariffi avvanzati, reġistri bil-ħin tal-użu u kontroll remot tat-tariffi. Dan għandu jgħin lill-konsumaturi u lill-operaturi tan-netwerk biex jiksbu l-effiċjenzi enerġetiċi u jiffrankaw l-ispejjeż billi jnaqqsu l-ogħla livelli fid-domanda għall-enerġija. Din il-funzjonalità, flimkien mal-funzjonalitajiet msemmija fil-punti (a) u (b), jaqdu rwol importanti biex jagħtu s-setgħa lill-konsumatur u biex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tas-sistema tal-provvista. Huwa rrakkomandat ħafna li s-sistemi ta' metraġġ intelliġenti jippermettu t-trasferiment awtomatiku tal-informazzjoni dwar għażliet ta' tariffi avvanzati lill-klijenti finali eż. permezz tal-interfaċċja standardizzata msemmija taħt a).

(g) Tippermetti kontroll remot mixgħul/mitfi tal-provvista u/jew il-fluss jew il-limitazzjoni tal-enerġija. Din il-funzjonalità tirrigwarda kemm id-domanda kif ukoll il-provvista. Din tipprovdi protezzjoni addizzjonali għall-konsumatur billi tippermetti l-gradi fil-limitazzjonijiet. Taċċellera l-proċessi bħal meta dak li jkun ibiddel id-dar minħabba li l-provvista l-antika tkun tista' tiġi skonnettjata u l-provvisti l-ġdida tiġi konnessa malajr u b'mod sempliċi. Hija meħtieġa għall-immaniġġar tal-emerġenzi tekniċi tal-grilja. Madankollu, tista' tintroduċi r-riskji tas-sigurtà addizzjonali li jeħtieġ li jiġu minimizzati.

Għas-sigurtà u l-protezzjoni tad-dejta:

(h) Tipprovdi dejta u komunikazzjonijiet siguri. Din il-funzjonalità tirrigwarda kemm id-domanda kif ukoll il-provvista. Huma essenzjali livelli għolja ta' sigurtà għall-komunikazzjonijiet kollha bejn il-miter u l-operatur. Dan japplika kemm għall-komunikazzjonijiet diretti

mal-miter kif ukoll għal kwalunkwe messaġġ trażmess permezz tal-meter lil jew mingħand kwalunkwe tagħmir jew kontrolli fuq il-post tal-konsumatur. Għall-komunikazzjonijiet lokali fuq il-post tal-konsumatur, huma meħtieġa kemm il-privatezza kif ukoll il-protezzjoni tad-dejta.

(i) Il-prevenzjoni u s-sejba tal-frodi. Din il-funzjonalità tirrigwarda n-naħa tal-provvista: sigurtà u sikurezza fil-każ ta' aċċess. Il-kunsens qawwi juri l-importanza marbuta ma' din il-funzjonalità. Din hija neċessarja biex tipproteġi lill-konsumatur, pereżempju mill-aċċess għall-piraterija, u mhux biss għall-prevenzjoni tal-frodi.

Għall-ġenerazzjoni distribwita:

(j) Tipprovdi metraġġ għall-importazzjoni/esportazzjoni u metraġġ reattiv. Din il-funzjonalità tirrigwarda kemm id-domanda kif ukoll il-provvista. Ħafna pajjiżi qed jipprovdu l-funzjonalitajiet neċessarji biex jippermettu mikroġenerazzjoni rinnovabbli u lokali, u għalhekk installazzjoni tal-miter vijabbli għall-futur. Huwa rrakkomandat li din il-funzjoni għandha tiġi installata awtomatikament u tkun attivata/diżattivata skont ix-xewqat u l-ħtiġijiet tal-konsumatur.

**Segwitu**

43. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex isegwu din ir-Rakkomandazzjoni u jiġbdu l-attenzjoni tal-partijiet interessati kollha involuti dwarha fid-disinn u t-tħaddim tal-applikazzjonijiet tal-grilji intelliġenti fl-Unjoni.

44. L-Istati Membri għandhom jirrappurtaw lill-Kummissjoni sat-3 ta' Settembru 2012 dwar ir-riżultati tal-analiżi tagħhom tal-ispejjeż u l-benefiċċji dwar l-introduzzjoni ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti u dwar il-miżuri u l-pjanijiet li jkunu adottaw b'rabta ma' din ir-Rakkomandazzjoni.

45. Fid-dawl ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-Kummissjoni biħsiebha tivvaluta l-valutazzjonijiet ekonomiċi rrappurtati dwar l-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti.

**Destinatarji**

46. Din ir-Rakkomandazzjoni hija indirizzata lill-Istati Membri u lil kwalunkwe awtorità kompetenti li dawn jinnominaw biex jiġu involuti fil-valutazzjoni ekonomika tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Marzu 2012.

*Għall-Kummissjoni*

Günther OETTINGER

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Linji gwida dwar il-metodoloġija għall-valutazzjoni ekonomika tal-ispejjeż u l-benefiċċji fuq żmien twil tal-introduzzjoni ta' metraġġ intelliġenti skont l-Anness I għad-Direttivi 2009/72/KE u 2009/73/KE**

1. REFERENZI

1.1. Il-Kummissjoni Ewropea — Ċentru Konġunt għar-Riċerka, l-Istitut għall-Enerġija u t-Trasport (2012). "Guidelines for conducting a cost-benefit analysis of smart grid projects" (Linji gwida biex issir analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' proġetti ta' grilji intelliġenti), disponibbli fuq: http://ses.jrc.ec.europa.eu/

1.2. Il-Kummissjoni Ewropea — Ċentru Konġunt għar-Riċerka, l-Istitut għall-Enerġija u t-Trasport (2012). "Guidelines for cost-benefit analysis of smart metering deployment" (Linji gwida biex issir analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji tal-użu ta' metraġġ intelliġenti), disponibbli fuq: http://ses.jrc.ec.europa.eu/

1.3. Il-Grupp tar-Regolaturi Ewropej għall-Elettriku u l-Gass. "Final Guidelines of Good Practice on Regulatory Aspects of Smart Metering for Electricity and Gas" (Linji Gwida Finali ta' Prattika Tajba dwar l-Aspetti Regolatorji tal-Metraġġ Intelliġenti għall-Elettriku u l-Gass), Frar 2011, Ref.: E10-RMF-29-05 http://www.smartgridscre.fr/media/documents/ERGEG_Guidelines_of_good_practice.pdf

1.4. It-Task Force tal-Kummissjoni Ewropea għall-Grilji Intelliġenti (2010), Grupp Espert 3: Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi involuti fl-użu tal-grilji intelliġenti, "Merit deployment matrix" (Matriċi tal-mertu tal-użu) disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/energy/gas_electricity/smartgrids/doc/expert_group3_annex.xls

1.5. Il-proposta għal Direttiva dwar l-effiċjenza enerġetika u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE [COM(2011) 370 finali, 22 ta' Ġunju 2011]

1.6. SEC(2011) 288 finali – id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Valutazzjoni tal-Impatt" li jakkumpanja l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, "Pjan direzzjonali għal ekonomija kompetittiva b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju fl-2050" (COM(2011) 112 finali) (SEC(2011) 289 finali)

2. LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' VARJABBLI/DEJTA LI TRID TIĠI SSETTJATA/MIĠBURA FIL-KAŻ TAL-ELETTRIKU

| Varjabbli/dejta li trid tiġi ssettjata/miġbura | Unità |
|---|---|
| Varjazzjoni pproġettata tal-konsum tal-enerġija | % |
| Varjazzjoni pproġettata tal-prezzijiet tal-enerġija | % |
| Trasferiment tal-ogħla livell ta' tagħbija | % |
| It-telf tal-elettriku fil-livell tat-trażmissjoni u tad-distribuzzjoni | % |
| Minuti stmati mingħajr provvista | Numru ta' minuti |
| Valur ta' tagħbija mitlufa; valur tal-provvista | EUR/kWh |
| Rata ta' skont | % |
| Spejjeż tal-ħardwer (eż. miter intelliġenti, modem GPRS/PLC, eċċ.) | EUR |
| Għadd ta' sistemi ta' metraġġ intelliġenti li għandhom jiġu installati | Għadd ta' miters intelliġenti |
| Spejjeż tal-installazzjoni għal sistema ta' metraġġ intelliġenti | EUR |
| L-istennija tal-ħajja ta' sistema ta' metraġġ intelliġenti | Għadd ta' snin |
| L-ispejjeż tal-qari tal-miter | EUR/sena |
| Rata ta' suċċess tat-telekomunikazzjoni | % |
| Rata tal-inflazzjoni | % |

| Varjabbli/dejta li trid tiġi ssettjata/miġbura | Unità |
|---|---|
| Tnaqqis fl-ispejjeż marbuta mal-maturità tat-teknoloġija | % |
| Skeda tal-implimentazzjoni | Għadd ta' miters intelliġenti/sena |
| Perċentwal ta' miters mqiegħda f'żoni rurali versus urbani | % |
| L-ispejjeż tal-karbonju | EUR/tunnellata |

3. RAPPREŻENTAZZJONI GRAFIKA TAL-PASSI BIEX TITWETTAQ L-ANALIŻI TAL-ISPEJJEŻ U L-BENEFIĊĊJI U ANALIŻI TAS-SENSITTIVITÀ




*Nota:* Matul il-valutazzjoni kwantitattiva, jistgħu jintużaw rati differenti ta' skont biex janalizzaw b'modi distinti l-benefiċċji b'dimensjoni soċjali u dawk li jakkumulaw għall-partijiet interessati privati. Għandha tiġi kkunsidrata rata ta' skont iktar baxxa biex jiżdied il-valur preżenti tal-benefiċċji u l-ispejjeż tas-soċjetà.

F'każijiet fejn l-analiżi tippermetti l-kalkolu tal-ispejjeż u l-benefiċċji ta' tibdiliet li jirriżultaw mill-emissjonijiet tal-karbonju, huwa rakkomandat li l-analiżi tqis il-prezzijiet tal-karbonju proġġettati kemm fix-xenarju ta' referenza tal-Kummissjoni kif ukoll fix-xenarju ta' dekarbonizazzjoni ([1]).

4. LISTA MHUX EŻAWRJENTI TAL-ISPEJJEŻ LI JRIDU JIĠU KKUNSIDRATI GĦALL-INTRODUZZJONI TA' SISTEMI TA' METRAĠĠ INTELLIĠENTI FIL-KAŻ TAL-ELETTRIKU

| Kategorija ġenerali | It-tip ta' spiża li trid tiġi intraċċata għall-introduzzjoni u li trid tiġi stmata għall-bażi |
|---|---|
| CAPEX | Investiment fis-sistemi ta' metraġġ intelliġenti |
| | Investiment fl-IT |
| | Investiment fil-komunikazzjonijiet |
| | Investiment fil-viżwalizzazzjonijiet fid-djar (jekk applikabbli) |
| | Ġenerazzjoni |
| | Trażmissjoni |
| | Distribuzzjoni |
| | Investiment evitat f'miters konvenzjonali (spiża negattiva, li għandha tiżdied mal-lista tal-benefiċċji) |
| OPEX | Spejjeż tal-manutenzjoni tal-IT |
| | Ġestjoni tan-netwerk u spejjeż totali |
| | Spejjeż tat-trasferiment tal-komunikazzjoni/dejta (inklużi GPRS, Komunikazzjonijiet bir-Radju, eċċ) |
| | Spejjeż tal-ġestjoni tax-xenarju |
| | Sostituzzjoni/difetti tas-sistemi ta' metraġġ intelliġenti (inkrementali) |
| | Tnaqqis fid-dħul (eż. permezz ta' iktar konsum effiċjenti) |
| | Ġenerazzjoni |
| | Distribuzzjoni |
| | Trażmissjoni |
| | Qari tal-miter |
| | Ċentru Telefoniku/Assistenza tal-Klijenti |
| | Spejjeż tat-taħriġ (eż. il-persunal tal-assistenza tal-klijenti u l-persunal tal-installazzjoni) |
| L-affidabbiltà | Spejjeż tar-restawr |
| Ambjentali | L-ispejjeż tal-emissjonijiet (tagħmir għall-kontroll tas-$CO_2$, il-permessi għall-operat u għall-emissjonijiet) |
| Is-sigurtà tal-enerġija | Spejjeż tal-karburanti fossili użati biex jiġġeneraw l-enerġija |
| | L-ispejjeż tal-karburanti fossili għat-trasportazzjoni u għall-operat |
| Oħrajn | Spiża tal-programmi tal-interazzjoni tal-konsumatur |
| | Spejjeż mitlufa ta' miters (tradizzjonali) installati qabel |

([1]) L-Anness 7.10 għad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni SEC(2011) 288 finali — "*Valutazzjoni tal-Impatt*": http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=SEC:2011:0288:FIN:EN:PDF.

5. LISTA MHUX EŻAWRJENTI TA' FORMULI GĦALL-KWANTIFIKAZZJONI TAL-BENEFIĊĊJI FIL-KAŻ TAL-ELETTRIKU

| Benefiċċju | Subbenefiċċju | Kalkolu monetarju |
|---|---|---|
| Tnaqqis fl-ispejjeż tal-qari tal-miter u tal-operat | Spejjeż imnaqqsa tal-operat tal-miters | Valur (EUR) = [Tnaqqis stmat tal-ispejjeż bl-operat tal-miters remoti (EUR/sena)] $_{\text{Introduzzjoni}}$ − [Tnaqqis stmat tal-ispejjeż bl-operat tal-miters remoti (EUR/sena) × Rata ta' nuqqas ta' komunikazzjonijiet (%/100)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| | Spejjeż imnaqqsa tal-qari tal-miters | Valur (EUR) = [spiża tal-qari tal-miter lokali (EUR)]$_{\text{Bażi}}$ − [Spiża stmata tal-ksib tal-qari tal-miters lokali "mxerrdin" $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$<br>Meta:<br>[spiża tal-qari tal-miters lokali (EUR)]$_{\text{Bażi}}$ = numru tal-klijenti f'LV [1] × Spiża storika tal-qari tal-miters/klijent/sena (EUR)<br>[Spiża stmata tal-ksib tal-qari tal-miters "imxerrdin" (EUR)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ = [numru tal-klijenti f'LV × % ta' klijenti mhux inklużi fl-introduzzjoni×Spiża medja tal-qari mxerred għal kull klijent (EUR/klijent)] + [numru ta' klijenti f'LV × % ta' klijenti inklużi fl-introduzzjoni × Rati ta' nuqqas ta' komunikazzjonijiet (%) × Spiża medja tal-qari mxerred għal kull klijent (EUR/numru klijenti) |
| | Spejjeż imnaqqsa fil-kontijiet | Valur (EUR) = [numru tal-klijenti f'LV × Spiża tal-kontijiet/klijent/sena (EUR)]$_{\text{Bażi}}$ − [numru tal-klijenti f'LV × Spiża tal-kontijiet/klijent/sena (EUR)]$_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| | Spejjeż imnaqqsa taċ-ċentri telefoniċi/tal-assistenza tal-klijenti | Valur (EUR) = [numru tal-klijenti f'LV × Spiża tal-assistenza tal-klijenti/klijent/sena (EUR)]$_{\text{Bażi}}$ − [numru tal-klijenti f'LV × Spiża tal-assistenza tal-klijenti/klijent/sena (EUR)]$_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| Tnaqqis fl-ispejjeż tal-operat u tal-manutenzjoni | Spejjeż imnaqqsa għall-manutenzjoni tal-assi | Valur (EUR) = [Spejjeż diretti fir-rigward tal-manutenzjoni tal-assi (EUR/sena)]$_{\text{Bażi}}$ − [Spejjeż diretti fir-rigward tal-manutenzjoni tal-assi (EUR/sena)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| | Spejjeż imnaqqsa tal-ħsarat tat-tagħmir | Valur (EUR) = [Spiża tal-ħsarat tat-tagħmir (EUR/sena)]$_{\text{Bażi}}$ − [Spiża tal-ħsarat tat-tagħmir (EUR/sena)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| Investimenti tal-kapaċità tad-distribuzzjoni differiti/evitati | Investimenti tal-kapaċità tad-distribuzzjoni differiti minħabba rimunerazzjoni tal-assi | Valur (EUR) = Investiment annwali għall-appoġġ tal-kapaċità tat-tkabbir (EUR/sena) × Żmien differit (numru ta'snin) × Rata ta' rimunerazzjoni mill-investiment (%/100) |
| | Investimenti tal-kapaċità tad-distribuzzjoni differiti minħabba amortizzazzjoni tal-assi | Valur (EUR) = Investiment annwali għall-appoġġ tal-kapaċità tat-tkabbir (EUR/sena) × Żmien differit (numru ta'snin) × numru ta' snin ta' amortizzazzjoni tal-kapaċità tal-assi |
| Investimenti tal-kapaċità tat-trażmissjoni differiti/evitati | Investimenti tal-kapaċità tat-trażmissjoni differiti minħabba rimunerazzjoni tal-assi | Valur (EUR) = Investiment annwali għall-appoġġ tal-kapaċità tat-tkabbir (EUR/sena) × Żmien differit (numru ta'snin) × Rata ta' rimunerazzjoni mill-investiment (%/100) |
| | Investimenti tal-kapaċità tat-trażmissjoni differiti minħabba amortizzazzjoni tal-assi | Valur (EUR) = Investiment annwali għall-appoġġ tal-kapaċità tat-tkabbir (EUR/sena) × Żmien differit (numru ta'snin) × numru ta' snin ta' amortizzazzjoni tal-kapaċità tal-assi |

| Benefiċċju | Subbenefiċċju | Kalkolu monetarju |
|---|---|---|
| Investimenti tal-kapaċità tal-ġenerazzjoni differiti/evitati | Investimenti tal-ġerazzjoni differiti għall-impjanti tal-ogħla tagħbija | Valur (EUR) = Investiment annwali għall-appoġġ tal-ġenerazzjoni tal-ogħla tagħbija (EUR/sena) × Żmien differit (numru ta’snin) |
| | Investimenti ta’ ġenerazzjoni differiti għal riżervi li jdawru | Valur (EUR) = Investiment annwali għall-appoġġ tal-ġenerazzjoni tar-riżervi li jdawru (EUR/sena) × Żmien differit (numru ta’snin) |
| Tnaqqis ta’ telf tekniku tal-elettriku | Telf tekniku mnaqqas tal-elettriku | Valur (EUR) = Telf imnaqqas permezz tal-effiċjenza enerġetika (EUR/sena) + Telf imnaqqas permezz tal-kontroll tal-vultaġġ (EUR/sena) + Telf imnaqqas fil-livell tat-trażmissjoni (EUR/sena) |
| Iffrankar fl-ispiża tal-elettriku | Tnaqqis fil-konsum | Valur (EUR) = Rata tal-enerġija (EUR/MWh) × Konsum totali tal-enerġija f’LV (MWh) × % stmat ta’ tnaqqis fil-konsum bl-introduzzjoni (%/100) |
| | Trasferiment tal-ogħla livell ta’ tagħbija | Valur (EUR) = Differenza fil-marġni bl-ingrossa bejn l-ogħla u mhux l-ogħla marġni tal-ġenerazzjoni (EUR/MWh) × % Trasferiment tal-ogħla tagħbija (%/100) × Konsum totali tal-enerġija f’LV (MWh) |
| Tnaqqis ta’ telf kummerċjali | Tnaqqis fit-telf tal-elettriku | Valur (EUR) = % ta’ klijenti b’serq tal-enerġija (%/100) × Il-valur stmat tal-prezz medju tat-tagħbija tal-enerġija mhux irreġistrata/klijent/sena (EUR) × Għadd totali ta’ klijenti LV (numru tal-klijenti) |
| | Dħul irkuprat relatat mal-frodi “enerġija kkuntrattata” | Valur (EUR) = % ta’ klijenti bi “frodi fl-enerġija kkuntrattata” (%/100) × Valur tal-prezz stmat tal-enerġija kkuntrattata mhux imħallsa/klijent/sena (EUR) × Għadd totali ta’ klijenti LV (numru tal-klijenti) |
| | Dħul irkuprat relatat mal-’enerġija kkuntrattata inkrimentali | Valur (EUR) =% ta’ klijenti li jitolbu enerġija kuntrattata inkrementali wara l-installazzjoni ta’ sistemi ta’ metraġġ intelliġenti (%/100) × Valur medju stmat ta’ dħul irkuprat minħabba enerġija kuntrattata inkrimentali (EUR) × Għadd totali ta’ klijenti LV (numru tal-klijenti) |
| Tnaqqis tad-drabi li jkun hemm interruzzjoni (bis-saħħa ta’ monitoraġġ avvanzat u informazzjoni dwar in-netwerk fil-ħin reali) | Il-valur tas-servizz | Valur (EUR) = Enerġija totali użata MV ([2]) + LV (MWh)/Minuti fis-sena (numru/sena) × Minuti medji mingħajr provvista/sena (numru/sena) × Valur ta’ tagħbija mitlufa (EUR/MWh) × % Tnaqqis fil-ħin b’interruzzjoni (%/100 |
| | Spiża mnaqqsa tal-indemnifikazzjoni tal-klijent | Valur (EUR) = indemnifikazzjonijiet medji annwali tal-klijent (EUR) × % Tnaqqis tal-kumpensi tal-klijent |
| Tnaqqis tal-emissjonijiet tas-$CO_2$ | Tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ minħabba t-telf imnaqqas tal-linja | Valur (EUR) = [Telf ta’ linja (MWh) × Kontenut ta’ $CO_2$ (tunnellati/MWh) × Valur ta’ $CO_2$ (EUR/tunnellata)] $_{\text{Bażi}}$ – [Telf ta’ linja (MWh) × Kontenut ta’ $CO_2$ (tunnellati/MWh) × Valur ta’ $CO_2$ (EUR/tunnellata)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| | Tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ minħabba tixrid usa’ ta’ sorsi ta’ ġenerazzjoni b’użu baxx tal-karbonju (bħala konsegwenza tal-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti) | Valur (EUR) = [Emissjonijiet tas-$CO_2$ (tunnellati) × Valur ta’ $CO_2$ (EUR/tunnellata)] $_{\text{Bażi}}$ – [Emissjonijiet tas-$CO_2$ (tunnellati) × Valur ta’ $CO_2$ (EUR/tunnellata)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |

| Benefiċċju | Subbenefiċċju | Kalkolu monetarju |
|---|---|---|
| | Tnaqqis fl-emissjonijiet tas-$CO_2$ minħabba ċaqliq tal-persunal bit-trakkijiet | Valur (EUR) = numru litri ta' karburant evitati (numru) × Spiża għal kull litru ta' karburant (EUR) |
| | Tnaqqis tal-użu tal-karburant minħabba ċaqliq tal-persunal bit-trakkijiet | Valur (EUR) = numru litri ta' karburant evitati (numru) × Spiża għal kull litru ta' karburant (EUR) |
| Tnaqqis tat-tniġġis tal-arja (materja partikolata, NOx, $SO_2$) | Tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja minħabba telf ta' linja mnaqqsa | Għal kull sustanza li tniġġes:<br>Valur (EUR) = [Telf ta' linja (MWh) × kontenut ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (unità/MWh) × spiża tas-sustanza li tniġġes l-arja (EUR/unità)] $_{\text{Bażi}}$ –<br>Telf ta' linja (MWh) × kontenut ta' sustanza li tniġġes l-arja (unità/MWh) × spiża tas-sustanza li tniġġes l-arja (EUR/unità)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| | Tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja minħabba tixrid usa' ta' sorsi ta' ġenerazzjoni b'użu baxx tal-karbonju (bħala konsegwenza tal-introduzzjoni tal-metraġġ intelliġenti) | Għal kull sustanza li tniġġes:<br>Valur (EUR) = [emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (unità) × spiża tas-sustanzi li jniġġsu l-arja (EUR/unità)] $_{\text{Bażi}}$ – [emissjonijiet li jniġġsu l-arja (unità) × spiża ta' sustanzi li jniġġsu l-arja (EUR/unità)] $_{\text{Xenarju tal-introduzzjoni}}$ |
| | Tnaqqis fl-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu l-arja minħabba ċaqliq tal-persunal bit-trakkijiet | Valur (EUR) = numru Litri ta' karburant evitati (numru) × Spiża għal kull litru evitat ta' karburant (EUR) |

(1) Vultaġġ baxx
(2) Vultaġġ medju

*Nota*: Għall-"ispiża ta' sustanzi li jniġġsu l-arja' (materja partikolata, $NO_x$, $SO_2$), huwa rrakkomandat li tiġi kkonsultata d-Direttiva dwar il-Vetturi Nodfa – id-Direttiva 2009/33/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni ta' vetturi ta' trasport (1) fuq it-triq nodfa u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, u l-proċess tal-kwantifikazzjoni tal-benefiċċji tal-kwalità tal-arja tal-programm "CAFÉ" (Clean Air For Europe — Arja Nadifa għall-Ewropa).

(1) ĠU L 120, 15.5.2009, p. 5.

## RETTIFIKA

### Rettifika għall-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet quddiem il-Qorti Ġenerali

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 68 tas-7 ta' Marzu 2012)*

F'paġna 25, it-tielet premessa:

*minflok:* "Wara li kkunsidrat li, skont l-Istruzzjonijiet li l-Qorti Ġenerali tat lir-Reġistratur tagħha fil-5 ta' Lulju 2007 (ĠU L 232, p. 1), kif emendati fis-17 ta' Mejju 2010 (ĠU L 170, p. 53) u fl-24 ta' Jannar 2012 (ĠU L 68, p. 23) (iktar 'il quddiem l-"Istruzzjonijiet lir-Reġistratur"), ir-Reġistratur għandu jiżgura li l-atti proċedurali mqiegħda fl-inkartament ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Istatut, tar-Regoli tal-Proċedura u ta' dawn l-Istruzzjonijiet Prattiċi lill-partijiet (iktar 'il quddiem l-"Istruzzjonijiet Prattiċi"), kif ukoll mal-imsemmija Istruzzjonijiet lir-Reġistratur u, b'mod partikolari, għandu jitlob ir-regolarizzazzjoni tal-atti li ma jkunux konformi u, fin-nuqqas ta' regolarizzazzjoni, jekk ikun il-każ, għandu jirrifjutahom jekk ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Istatut jew tar-Regoli tal-Proċedura;",

*aqra:* "Wara li kkunsidrat li, skont l-Istruzzjonijiet li l-Qorti Ġenerali tat lir-Reġistratur tagħha fil-5 ta' Lulju 2007 (ĠU L 232, p. 1), kif emendati fis-17 ta' Mejju 2010 (ĠU L 170, p. 53) u fl-24 ta' Jannar 2012 (ĠU L 68, p. 20) (iktar 'il quddiem l-"Istruzzjonijiet lir-Reġistratur"), ir-Reġistratur għandu jiżgura li l-atti proċedurali mqiegħda fl-inkartament ikunu konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Istatut, tar-Regoli tal-Proċedura u ta' dawn l-Istruzzjonijiet Prattiċi lill-partijiet (iktar 'il quddiem l-"Istruzzjonijiet Prattiċi"), kif ukoll mal-imsemmija Istruzzjonijiet lir-Reġistratur u, b'mod partikolari, għandu jitlob ir-regolarizzazzjoni tal-atti li ma jkunux konformi u, fin-nuqqas ta' regolarizzazzjoni, jekk ikun il-każ, għandu jirrifjutahom jekk ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Istatut jew tar-Regoli tal-Proċedura;".

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2012 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 310 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 840 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT